PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

PROVIŻORJU
2007/0807(CNS)

30.8.2007

*

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar l-inizjattiva tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja u tar-Repubblika Franċiża bil-għan li tiġi adottata Deċiżjoni ta' Qafas tal-Kunsill dwar ir-rikonoxximent u s-superviżjoni ta' sentenzi sospiżi, sanzjonijiet alternattivi u sentenzi kondizzjonali
(6480/2007 – C6-0129/2007 – 2007/0807(CNS))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Maria da Assunção Esteves

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**I	Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**II	Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***	Proċedura ta' kunsens *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE*
***I	Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
***II	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***III	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt*

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

Emendi għal test leġiżlattiv

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa ***qawwija korsiva.*** Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA 30

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-inizjattiva mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u tar-Repubblika Franċiża bil-għan li tiġi adottata Deċiżjoni ta' Qafas tal-Kunsill dwar ir-rikonoxximent u s-superviżjoni ta' sentenzi sospiżi, sanzjonijiet alternattivi u sentenzi kondizzjonali (6480/2007 – C6-0129/2007 – 2007/0807(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-inizjattiva tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja u tar-Repubblika Franċiża (6840/2007)[1],

– wara li kkunsidra l-Artikoli 31(1)(1), u l-Artikolu 34(2)(b) tat-Trattat UE,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 39(1) tat-Trattat UE, skond liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0129/2007),

– wara li kkunsidra l-Artikoli 93 u 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0000/2007),

1. Japprova l-inizjattiva tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja u tar-Repubblika Franċiża kif emendata;

2. Jitlob lill-Kunsill sabiex jemenda t-test f'dan is-sens;

3. Jistieden lill-Kunsill sabiex jinformah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jistieden lill-Kunsill sabiex jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-inizjattiva tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja u tar-Repubblika Franċiża;

5. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u l-Kummissjoni, u lill-gvernijiet tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja u tar-Repubblika Franċiża.

Test propost mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u mir-Repubblika Franċiża	Emendi tal-Parlament

Emenda 1
Titolu

[1] ĠU C ... / Għadha mhix ippubblikata fil-ĠU.

Inizjattiva tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja u tar-Repubblika Franċiża bil-ħsieb ta' l-adozzjoni ta' Deċiżjoni *Kwadru* tal-Kunsill dwar ir-rikonoxximent ***u*** s-superviżjoni ta' sentenzi sospiżi, sanzjonijiet alternattivi u sentenzi kondizzjonali	Inizjattiva tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja u tar-Repubblika Franċiża bil-għan li tiġi adottata Deċiżjoni *ta' Qafas* tal-Kunsill dwar ir-rikonoxximent***, i***s-superviżjoni ***u l-esekuzzjoni*** ta' sentenzi sospiżi, sanzjonijiet alternattivi u sentenzi kondizzjonali

Ġustifikazzjoni

*Il-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Qafas ikopri s-superviżjoni ta' miżuri ta' sospensjoni u sanzjonijiet alternattivi kif ukoll deċiżjonijiet oħra li jikkonċernaw l-**esekuzzjoni** ta' sentenzi sospiżi, sanzjonijiet alternattivi u sentenzi kondizzjonali - Il-kliem ' 'superviżjoni u esekuzzjoni' propost jissintetizza perfettament din l-idea.*

Emenda 2
Premessa 5

5. Din id-Deċiżjoni *Kwadru* tirrispetta d-drittijiet fundamentali u taderixxi mal-prinċipji rikonoxxuti fl-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li huma wkoll espressi fil-Karta dwar id-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea, speċjalment fil-Kapitolu VI tagħha. L-ebda dispożizzjoni ta' din id-Deċiżjoni *Kwadru* m'għandha tiġi interpretata bħala li tirrifjuta li tirrikonoxxi sentenza u/jew tissorvelja miżura sospensiva jew sanzjoni alternattiva jekk ikun hemm indikazzjonijiet objettivi li l-miżura sospensiva jew is-sanzjoni alternattiva kienet imposta ***biex tikkastiga persuna minħabba s-sess, ir-razza, ir-reliġjon, l-oriġini etnika, in-nazzjonalità, il-lingwa, il-konvinzjonijiet politiċi jew l-orjentazzjoni sesswali tagħha jew li din il-persuna tsta' tkun żvantaġġata għal waħda minn dawn ir-raġunijiet***.	5. Din id-Deċiżjoni *ta' Qafas* tirrispetta d-drittijiet fundamentali u taderixxi mal-prinċipji rikonoxxuti fl-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li huma wkoll espressi fil-Karta dwar id-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea, speċjalment fil-Kapitolu VI tagħha. L-ebda dispożizzjoni ta' din id-Deċiżjoni *ta' Qafas* m'għandha tiġi interpretata bħala li tirrifjuta li tirrikonoxxi sentenza u/jew tissorvelja miżura sospensiva jew sanzjoni alternattiva jekk ikun hemm indikazzjonijiet objettivi li l-miżura sospensiva jew is-sanzjoni alternattiva kienet imposta ***bi ksur ċar u inaċċettabbli tad-drittijiet fundamentali stipulati fit-trattati ta' l-Unjoni Ewropea jew fil-kostituzzjonijiet ta' l-Istati Membri.***

Ġustifikazzjoni

Il-fiduċja hija essenzjali jekk għandu jitwettaq il-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku. Madankollu, numru ta' Stati Membri nstabu ħatja quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li kisru r-regoli tal-Konvenzjoni Ewropea li jistabbilixxu il-proċeduri u s-salvagwardji bażiċi penali. B'hekk jista' jkun hemm ġustifikazzjoni għal klawsola li

tikkonċerna n-nuqqas ta' konformità ma' l-obbligi ta' rikonoxximent ibbażata fuq il-ksur tad-drittijiet fundamentali - iżda tad-drittijiet fundamentali kollha! Ma teżisti l-ebda ġerarkija ta' drittijiet fundamentali, kif jidher li qed tissuġġerixxi l-Premessa 5.

Emenda 3
Premessa 6

6. Din id-Deċiżjoni *Kwadru* m'għandhiex twaqqaf lil ebda Stat Membru milli japplika r-regoli kostituzzjonali tiegħu rigward id-dritt għal proċess xieraq, il-libertà ta' assoċjazzjoni, il-libertà ta' l-istampa u l-libertà ta' l-espressjoni f'medja oħra.	6. Din id-Deċiżjoni *ta' Qafas* m'għandhiex twaqqaf lil ebda Stat Membru milli japplika r-regoli kostituzzjonali tiegħu rigward id-dritt għal proċess xieraq, il-libertà ta' assoċjazzjoni, il-libertà ta' l-istampa u l-libertà ta' l-espressjoni f'medja oħra***, u b'mod ġenerali kull regoli li jikkonċernaw id-drittijiet fundamentali li l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom mhuwiex inkompatibbli mal-mod kif il-miżuri huma implimentati***.

Emenda 4
Premessa 8

8. L-għan tar-rikonoxximent reċiproku u s-superviżjoni ta' sentenzi sospiżi, sanzjonijiet alternattivi u sentenzi kondizzjonali fl-Istat ta' esekuzzjoni hu li jitjiebu l-prospetti biex persuna sentenzjata tiġi integrata mill-ġdid fis-soċjetà, billi din tkun tista' tippreserva r-rabtiet familjari, lingwistiċi, kulturali u oħrajn, iżda wkoll biex jitjieb il-monitoraġġ tal-konformità mal-miżuri *sospensivi* u s-sanzjonijiet alternattivi, bil-ħsieb li ma tħallix li jkun hemm reċidività, u b'hekk ikun qed jittieħed kont debitu tal-protezzjoni tal-vittmi.	8. L-għan tar-rikonoxximent reċiproku u s-superviżjoni ta' sentenzi sospiżi, sanzjonijiet alternattivi u sentenzi kondizzjonali fl-Istat ta' esekuzzjoni hu li jitjiebu l-prospetti biex persuna sentenzjata tiġi integrata mill-ġdid fis-soċjetà, billi din tkun tista' tippreserva r-rabtiet familjari, lingwistiċi, kulturali u oħrajn, iżda wkoll biex jitjieb il-monitoraġġ tal-konformità mal-miżuri *ta' sospensjoni* u s-sanzjonijiet alternattivi, bil-ħsieb li ma tħallix li jkun hemm reċidività, u b'hekk ikun qed jittieħed kont debitu tal-protezzjoni tal-vittmi ***u l-ħarsien tas-soċjetà b'mod ġenerali***.

Ġustifikazzjoni

Ir-referenza għall-għan li tkun evitata r-riċedività sabiex jitqies kif xieraq il-ħarsien tal-vittmi tħalli barra kunċett importanti ħafna - jiġifieri l-ħarsien (jew difiża) tas-soċjetà. Dan huwa mingħajr dubju kunċett li għandu rwol importanti fil-ħolqien ta' żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

Emenda 5
Premessa 9

9. Biex ikun żgurat l-iskambju effettiv ta' informazzjoni dwar iċ-ċirkostanzi kollha rilevanti għas-sospensjoni ta' sentenzi, l-Istati Membri huma mħeġġa jinkludu fil-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom dispożizzjonijiet li jippermettulhom jieħdu r-responsabbiltà għas-superviżjoni ta' miżuri *sospensivi* ***u*** sanzjonijiet alternattivi li għandhom jiġu dokumentati fir-reġistri nazzjonali tagħhom.	9. Biex ikun żgurat l-iskambju effettiv ta' informazzjoni dwar iċ-ċirkostanzi kollha rilevanti għas-sospensjoni ta' sentenzi, l-Istati Membri huma mħeġġa jinkludu fil-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom dispożizzjonijiet li jippermettulhom jieħdu r-responsabbiltà għas-superviżjoni ta' miżuri *ta' sospensjoni****,*** sanzjonijiet alternattivi ***u sentenzi kondizzjonali***.

Ġustifikazzjoni

L-inklużjoni ta' sentenzi kondizzjonali hija konformi mal-kamp ġenerali ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Qafas.

Emenda 6
Artikolu 1, paragrafu 1

1. ***L-objettiv ta' d***in id-Deċiżjoni *Kwadru* ***hu,*** bil-ħsieb li ***tiġi ffaċilitata*** r-riintegrazzjoni soċjali ta' persuni sentenzjati u li titjieb il-protezzjoni tal-vittmi, ***li tistabbilixxi r-regoli skond liema Stat Membru jissorvelja miżuri sospensivi imposti abbażi ta' sentenza, li nħarġet fi Stat Membru ieħor, jew sanzjonijiet alternattivi li jinsabu f'tali sentenza u jieħu d-deċiżjonijiet l-oħrajn kollha relatati ma' l-esekuzzjoni ta' dik is-sentenza, safejn dan jaqa' fl-ambitu tal-kompetenza tiegħu.***	1. ***D***in id-Deċiżjoni *ta' Qafas* ***hija bil-ħsieb li tiffaċilita*** r-riintegrazzjoni soċjali ta' persuni sentenzjati***, li ttejjeb*** il-protezzjoni tal-vittmi ***u tas-soċjetà u sabiex tiffaċilita l-applikazzjoni ta' sentenzi sospiżi, sanzjonijiet alternattivi u sentenzi kondizzjonali adegwati fil-każ ta' trasgressuri li mhumiex residenti fl-Istat li qed jagħti s-sentenza. Bil-għan li tilħaq l-objettivi ta' hawn fuq, din id-Deċiżjoni ta' Qafas se tistipula regoli li fuqhom l-Istat Membru li fih il-persuna ssentenzjata għandha r-residenza legali jew ordinarja tagħha (fil-każ li marret lura jew għandha l-ħsieb li tmur lura f'dak l-Istat) għandu jirrikonoxxi s-sentenzi mogħtija fi Stat Membru ieħor u għandu jissupervizza u jesegwixxi s-sentenzi sospiżi, is-sanzjonijiet alternattivi u s-sentenzi kondizzjonali.***

Ġustifikazzjoni

(a) L-objettivi stipulati fid-Deċiżjoni ta' Qafas għandhom jappoġġjaw b'mod ċar politika

penali li tippromwovi alternattivi għall-ħabs (sanzjonijiet alternattivi, sentenzi sospiżi u sentenzi kondizzjonali bħala 'kastigi' li ma jinvolvux ħabs); (b) għandi ssir referenza għar-regoli li jirregolaw ir-rikonoxximent, peress li s-superviżjoni tippresupponi r-rikonoxximent reċiproku; (c) skond din id-Direttiva ta' Qafas persuna ssentenzjata għandha tingħata biss id-dritt ta' smigħ, li ovvjament huwa dritt legali u mhux dritt fundamentali.

Emenda 7
Artikolu 1, paragrafu 2

2. Din id-Deċiżjoni *Kwadru* għandha tapplika biss għar-rikonoxximent ta' sentenzi u t-trasferiment tar-responsabbiltà għas-superviżjoni ta' ***miżuri sospensivi u*** sanzjonijiet alternattivi u d-deċiżjonijiet ***ġudizzjarji*** *l-oħrajn* kollha previsti f'din id-Deċiżjoni *Kwadru*. Din id-Deċiżjoni *Kwadru* m'għandhiex tapplika għall-esekuzzjoni ta' sentenzi f'każijiet kriminali li jimponu sentenzi jew miżuri ta' kustodja li jinvolvu ċ-ċaħda tal-libertà li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni *Kwadru* tal-Kunsill 2007/…/ĠAI. Ir-rikonoxximent u l-esekuzzjoni ta' penali finanzjarji u ordnijiet ta' konfiska huma rregolati mill-istrumenti ġuridiċi applikabbli bejn l-Istati Membri, b'mod partikolari d-Deċiżjoni *Kwadru* tal-Kunsill 2005/214/ĠAI ta' l-24 ta' Frar 2005 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' penali finanzjarji u d-Deċiżjoni *Kwadru* tal-Kunsill 2006/783/ĠAI tas-6 ta' Ottubru 2006 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku għal ordnijiet ta' konfiska.	2. Din id-Deċiżjoni *ta' Qafas* għandha tapplika biss għar-rikonoxximent ta' sentenzi u t-trasferiment tar-responsabbiltà għas-superviżjoni ***u l-esekuzzjoni*** ta' ***sentenzi sospiżi,*** sanzjonijiet alternattivi ***u sentenzi kondizzjonali,*** u ***għa***d-deċiżjonijiet ***sussegwenti*** *l-oħra* kollha previsti f'din id-Deċiżjoni *ta' Qafas*. Din id-Deċiżjoni *ta' Qafas* m'għandhiex tapplika għall-esekuzzjoni ta' sentenzi f'każijiet kriminali li jimponu sentenzi jew miżuri ta' kustodja li jinvolvu ċ-ċaħda tal-libertà li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni *ta' Qafas* tal-Kunsill 2007/…/ĠAI. Ir-rikonoxximent u l-esekuzzjoni ta' penali finanzjarji u ordnijiet ta' konfiska huma rregolati mill-istrumenti ġuridiċi applikabbli bejn l-Istati Membri, b'mod partikolari d-Deċiżjoni *ta' Qafas* tal-Kunsill 2005/214/ĠAI ta' l-24 ta' Frar 2005 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' penali finanzjarji u d-Deċiżjoni *ta' Qafas* tal-Kunsill 2006/783/ĠAI tas-6 ta' Ottubru 2006 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku għal ordnijiet ta' konfiska.

Ġustifikazzjoni

(a) Il-'Miżuri ta' sospensjoni' mhumiex sentenzi: kif imsemmi fl-Artikolu 2(e) huma obbligi u istruzzjonijiet imposti b'konnessjoni ma' sentenza sospiża jew sentenza kondizzjonali; (b) is-sostituzzjoni tal-kliem 'deċiżjonijiet ġudizzjarji l-oħra kollha' bil-kliem 'deċiżjonijiet sussegwenti l-oħra kollha' hija ġġustifikata minħabba konsistenza terminoloġika (ara l-Artikoli 12, 14 u 15).

Emenda 8
Artikolu 2, (b) (ii)

(ii) meta tiġi skontata parti mis-sentenza ta' kustodja jew il-miżura li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà (*rilaxx kondizzjonali* /libertà *kondizzjonata*);	(ii) meta tiġi skontata parti mis-sentenza ta' kustodja jew il-miżura li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà (***deċiżjoni ta'*** libertà *proviżorja*); ***bl-impożizzjoni ta' miżura ta' sospensjoni, jew ta' aktar minn waħda;***

Emenda 9
Artikolu 2(c)

(c) "sanzjoni alternattiva" għandha tfisser obbligu jew struzzjoni, imposta bħala sanzjoni ***indipendenti***, ***li mhix sentenza ta' kustodja, miżura li tinvolvi ċ-***ċaħda tal-libertà jew ***penali finanzjarja***;	(c) "sanzjoni alternattiva" għandha tfisser obbligu jew struzzjoni, imposta bħala sanzjoni ***awtonoma***, ***li ma tikkostitwixxix*** ċaħda ta' libertà jew ***tinvolvi l-ħlas ta' multa ta' flus;***

Ġustifikazzjoni

L-espressjoni 'sanzjoni awtonoma' tfisser aħjar in-natura tas-sanzjonijiet alternattivi li huma 'sentenzi' (f'deċiżjoni ġudizzjarja) li jistgħu jkunu applikati biss minn imħallef.

Emenda 10
Artikolu 2(d)

(d) "sentenza kondizzjonali" għandha tfisser deċiżjoni minn qorti fejn l-impożizzjoni ta' sentenza tkun ġiet sospiża kondizzjonalment bl-impożizzjoni ta' miżura sospensiva waħda jew aktar;	*Ma taffettwax il-verżjoni Maltija*

Emenda 11
Artikolu 2(g)

(g) "Stat ta' esekuzzjoni" għandha tfisser l-Istat Membru li fih il-miżuri *sospensivi* u s-sanzjonijiet alternattivi jingħataw superviżjoni u li fih jittieħdu d-deċiżjonijiet kollha relatati ma' l-esekuzzjoni ***tas-sentenza***, ***safejn ikun assuma l-kompetenza biex jagħmel dan***.	(g) "Stat ta' esekuzzjoni" għandha tfisser l-Istat Membru li fih il-miżuri ***ta' sospensjoni*** u s-sanzjonijiet alternattivi jingħataw superviżjoni u li fih jittieħdu d-deċiżjonijiet kollha relatati ma' l-esekuzzjoni ***ta' sentenzi sospiżi, sanzjonijiet alternattivi u sentenzi***

kondizzjonali, wara li tittieħed deċiżjoni skond l-Artikolu 7.

Emenda 12
Artikolu 2(g)(a) (ġdid)

(ga) 'residenza legali u ordinarja' tfisser il-post li fih l-individwu kkonċernat ikun stabbilixxa bħala ċ-ċentru permanenti ta' l-interessi tiegħu, li jrid jiġi ddeterminat billi jitqiesu ċ-ċirkustanzi kollha rilevanti de facto.

Ġustifikazzjoni

Il-kunċett ta' 'residenza' huwa kunċett Komunitarju li ma jistax jiġi afdat f'idejn id-diversi sistemi nazzjonali. Għalhekk f'din id-Deċiżjoni ta' Qafas trid tiġi inkluża definizzjoni tal-kunċett (li jinsab fil-każistika ta' l-UE).

Emenda 13
Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni *Kwadru m'għandhiex* ikollha l-effett li timmodifika ***l-obbligu*** ta' rispett lejn id-drittijiet fundamentali u l-prinċipji legali fundamentali kif affermati fl-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.	Din id-Deċiżjoni *ta' Qafas m'għandux* ikollha l-effett li timmodifika ***d-dmir*** ta' rispett lejn id-drittijiet fundamentali u l-prinċipji legali fundamentali kif affermati fl-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ***u fil-kostituzzjonijiet ta' l-Istati Membri***.

Ġustifikazzjoni

Il-valuri li jinsabu fit-Trattati ta' l-UE huma essenzjalment valuri stipulati wkoll fil-kostituzzjonijiet ta' l-Istati Membri. Il-listi tad-drittijiet fundamentali huma listi miftuħa.

Emenda 14
Artikolu 4, paragrafu 1

1. Kull Stat Membru għandu jinforma lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill liema awtorità jew awtoritajiet ***ġudizzjarji***, taħt il-leġislazzjoni nazzjonali tiegħu, huma	1. Kull Stat Membru għandu jinforma lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill liema awtorità jew awtoritajiet, taħt il-leġislazzjoni nazzjonali tiegħu, huma

kompetenti biex jaġixxu skond din id-Deċiżjoni *Kwadru*, fis-sitwazzjoni fejn dak l-Istat Membru jkun l-Istat emittenti jew l-Istat ta' esekuzzjoni.	kompetenti biex jaġixxu skond din id-Deċiżjoni *ta' Qafas*, fis-sitwazzjoni fejn dak l-Istat Membru jkun l-Istat emittenti jew l-Istat ta' esekuzzjoni. ***Lista ta' awtoritajiet kompetenti għandha tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.***

Ġustifikazzjoni

Id-Deċiżjoni ta' Qafas fiha dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-irwol ta' awtoritajiet oħra apparti dawk ġudizzjarji jew dawk li jwettqu l-ħidma ta' awtorità ġudizzjarja (pereżempju: awtoritajiet tal-pulizija jew korpi amministrattivi li ma jwettqux ħidma ta' awtorità ġudizzjarja). Dan jiġġustifika s-sostituzzjoni, fl-Artikolu 4, ta' 'awtoritajiet ġudizzjarji' b''awtoritajiet kompetenti', iżda mhux bilfors fid-Deċiżjoni ta' Qafas kollha (ara Ġustifikazzjoni għall-Artikoli 6(1) u 7(1)). In-natura ta' l-awtoritajiet involuti hija ddeterminata mit-taqsima kkonċernata tad-Deċiżjoni ta' Qafas.

Emenda 15
Artikolu 5, paragrafu 1

1. Sentenza li fiha waħda jew aktar mill-miżuri *sospensivi* jew ***sanzjonijiet alternattivi*** li ġejjin tista' tiġi trasferita lejn Stat Membru ieħor, li fih il-persuna sentenzjata hi legalment u ordinarjament residenti, għall-fini tar-rikonoxximent u s-superviżjoni ta' dawk il-miżuri u ***sanzjonijiet***:	1. Sentenza ***jew deċiżjoni ta' libertà proviżorja*** li fiha waħda jew aktar mill-miżuri *ta' sospensjoni* jew ***obbligi jew istruzzjonijiet*** li ġejjin tista' tiġi trasferita lejn Stat Membru ieħor, li fih il-persuna sentenzjata hi legalment u ordinarjament residenti, għall-fini tar-rikonoxximent u s-superviżjoni ta' dawk il-miżuri u ***obbligi jew istruzzjonijiet***: ***Miċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 6 jistgħu jirriżultaw, għal raġunijiet ta' superviżjoni, waħda jew aktar mill-miżuri ta' sospensjoni jew mill-obbligi jew l-istruzzjonijiet li jkun hemm f'sentenza***:

Ġustifikazzjoni

Din il-kjarifika hija meħtieġa f'każijiet meta l-Istat li jkun qed joħroġ is-sentenza ma jkunx jixtieq jitlob superviżjoni tal-miżuri kollha msemmija fis-sentenza.

Emenda 16
Artikolu 5, paragrafu 1, punt (a)

(a) obbligu tal-persuna sentenzjata biex	(a) obbligu tal-persuna sentenzjata biex

tinforma lill-awtorità kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni dwar kwalunkwe bidla ta' residenza;	tinforma lill-awtorità kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni dwar kwalunkwe bidla ta' residenza ***jew ta' post tax-xogħol jew ta' studju***;

Emenda 17
Artikolu 5, paragrafu 1, punt (b)

(b) obbligu biex ma ***tħallix jew ma*** tidħolx f'ċertu lokalitajiet fl-Istat emittenti jew ta' esekuzzjoni mingħajr permess, u ordnijiet oħra marbuta mat-tip ta' ħajja, residenza, edukazzjoni u taħriġ, attività professjonali jew attivitajiet ta' passatemp;	(b) obbligu biex ma tidħolx f'ċertu lokalitajiet fl-Istat emittenti jew ta' esekuzzjoni mingħajr permess, u ordnijiet oħra marbuta mat-tip ta' ħajja, residenza, edukazzjoni u taħriġ, attività professjonali jew attivitajiet ta' passatemp;

Emenda 18
Artikolu 5, paragrafu 1, punt (e)

(e) obbligu biex tikkumpensa għall-preġudizzju kkawżat mir-reat;	(e) obbligu biex tikkumpensa għall-preġudizzju kkawżat mir-reat ***u tinnotifika lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat ta' esekuzzjoni li dan l-obbligu ġie rrispettat***;

Emenda 19
Artikolu 5, paragrafu 1a (ġdid)

	1a. Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni ta' Qafas, il-persuna fil-kawża trid tinstema' qabel tingħata s-sentenza jew id-deċiżjoni ta' libertà proviżorja.

Ġustifikazzjoni

It-trasferiment ta' persuna ssentenzjata m'għandux jiddependi mill-kunsens tagħha. Skond din id-Direttiva ta' Qafas persuna ssentenzjata għandha biss tingħata d-dritt ta' smigħ, li ovvjament huwa dritt legali u mhux dritt fundamentali. Id-deċiżjoni ta' trasferiment tkun ikkunsidrata minn imħallef fid-dawl ta' l-għanijiet tad-Deċiżjoni ta' Qafas.

Emenda 20
Artikolu 5, paragrafu 3

3. Barra l-miżuri u s-sanzjonijiet	3. Barra l-miżuri u s-sanzjonijiet

imsemmijin fil-paragrafu 1, iċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 6 għandu jinkludi biss dawk il-miżuri jew ***sanzjonijiet*** kif notifikati mill-Istat ta' esekuzzjoni kkonċernat skond il-paragrafu 2.	imsemmijin fil-paragrafu 1, iċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 6 għandu jinkludi biss dawk il-miżuri ***ta' sospensjoni*** jew ***obbligi jew istruzzjonijiet*** kif notifikati mill-Istat ta' esekuzzjoni kkonċernat skond il-paragrafu 2.

Emenda 21
Artikolu 6, paragrafu 1

3. ***Is-sentenza jew kopja ċċertifikata tiegħu, flimkien ma'*** ċertifikat, li l-*forma* standard tiegħu qed tiġi stabbilita fl-Anness I, għandhom jintbagħtu, mill-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat emittenti direttament lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni permezz ta' kwalunkwe mezz li jħalli rekord bil-miktub taħt kondizzjonijiet li jippermettu lill-Istat ta' esekuzzjoni jistabbilixxi l-awtentiċità tagħhom. L-oriġinal tas-sentenza, jew kopja ċċertifikata tiegħu, u l-oriġinal taċ-ċertifikat, għandhom jintbagħtu lill-Istat ta' esekuzzjoni jekk dan jitlob hekk. Il-komunikazzjonijiet uffiċjali kollha għandhom isiru wkoll direttament bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti msemmija.	3. ***Iċ-***ċertifikat, li l-*format* standard tiegħu qed tiġi stabbilita fl-Anness I, ***flimkien mas-sentenza (jew kopja ċċertifikata tagħha) u possibilment id-deċiżjoni ta' libertà proviżorja,*** għandhom jintbagħtu, mill-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat emittenti direttament lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni permezz ta' kwalunkwe mezz li jħalli rekord bil-miktub taħt kondizzjonijiet li jippermettu lill-Istat ta' esekuzzjoni jistabbilixxi l-awtentiċità tagħhom. L-oriġinal tas-sentenza, jew kopja ċċertifikata tiegħu, u l-oriġinal taċ-ċertifikat, għandhom jintbagħtu lill-Istat ta' esekuzzjoni jekk dan jitlob hekk. Il-komunikazzjonijiet uffiċjali kollha għandhom isiru wkoll direttament bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti msemmija.

ċ

Ġustifikazzjoni

Hawnhekk l-espressjoni 'awtorità ġudizzjarja' tinżamm, peress li dak li hu involut huwa l-ħruġ tas-sentenza (li dejjem tingħata minn imħallef) u d-'deċiżjoni ta' libertà proviżorja' (li tista' tingħata, jew le, minn imħallef). Peress li m'hemm l-ebda definizzjoni 'organika' ta' 'awtorità ġudizzjarja kompetenti', trid tiġi adottata definizzjoni funzjonali, li tfisser li wieħed jaċċetta li l-awtorità ġudizzjarja kompetenti tista' tkun l-imħallef, l-avukat ġenerali jew amministrazzjoni li twettaq il-ħidma ta' awtorità ġudizzjarja kompetenti

Emenda 22
Artikolu 6, paragrafu 3

3. L-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat emittenti *għandu jibgħat* is-sentenza flimkien maċ-ċertifikat lil Stat ta' esekuzzjoni wieħed biss fi kwalunkwe mument determinat.	3. L-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat emittenti *għandha tibgħat* is-sentenza flimkien maċ-ċertifikat ***(u possibilment id-deċiżjoni ta' libertà proviżorja)*** lil Stat ta' esekuzzjoni wieħed biss fi kwalunkwe mument determinat.

Emenda 23
Artikolu 6, paragrafu 5

5. Meta awtorità ġudizzjarja fl-Istat ta' esekuzzjoni li tirċievi sentenza flimkien ma' ċertifikat ma jkollhiex il-kompetenza li tirrikonoxxiha, hija għandha, ex officio, tibgħat is-sentenza flimkien maċ-ċertifikat lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti. Dik l-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni għandha tinforma minnufih lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat emittenti, bi kwalunkwe mezz li jħalli rekord bil-miktub, li s-sentenza u ċ-ċertifikat intbagħtu lilha.	5. Meta awtorità ġudizzjarja fl-Istat ta' esekuzzjoni li tirċievi sentenza flimkien ma' ċertifikat ***(u possibilment id-deċiżjoni ta' libertà proviżorja)*** ma jkollhiex il-kompetenza li tirrikonoxxiha, hija għandha, ex officio, tibgħat is-sentenza flimkien maċ-ċertifikat lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti. Dik l-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni għandha tinforma minnufih lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat emittenti, bi kwalunkwe mezz li jħalli rekord bil-miktub, li s-sentenza u ċ-ċertifikat intbagħtu lilha.

Emenda 24
Artikolu 7, paragrafu 1

1. L-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni għandha tirrikonoxxi s-sentenza mibgħuta skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 6 u immedjatament tieħu l-miżuri kollha meħtieġa għas-superviżjoni tal-miżuri *sospensivi* ***u*** s-***sanzjonijiet alternattivi***, sakemm din ma tiddeċidix li tinvoka waħda mir-raġunijiet *għan-nuqqas ta' rikonoxximent u* ***tieħu f'idejha s-superviżjoni*** tas-sentenza msemmija fl-Artikolu 9.	1. L-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni għandha tirrikonoxxi s-sentenza mibgħuta skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 6 u immedjatament tieħu l-miżuri kollha meħtieġa għas-superviżjoni tal-miżuri *ta' sospensjoni* ***u l-obbligi u l-istruzzjonijiet li jikkostitwixxu*** s-***sanzjoni alternattiva***, sakemm din ma tiddeċidix li tinvoka waħda mir-raġunijiet *sabiex ma tirrikonoxxix u ma twettaqx superviżjoni* tas-sentenza msemmija fl-Artikolu 9.

Ġustifikazzjoni

Hawnhekk tinżamm l-espressjoni 'awtorità ġudizzjarja' peress li l-awtoritajiet ġudizzjarji ta' l-Istati Membri jridu jikkomunikaw ma' xulxin. Minn hawn 'il quddiem (skond l-Artikolu 4) kull Stat Membru jinforma lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill dwar liema awtoritajiet ġudizzjarji huma - skond il-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu - responsabbli għas-superviżjoni u l-esekuzzjoni tas-sentenzi (li għal darb'oħra mhux bilfors ikunu awtoritajiet ġudizzjarji). Kif jidher, l-adegwatezza ta' din l-espressjoni fit-test tad-Deċiżjoni ta' Qafas trid tiġi evalwata għal kull każ individwali (ara l-Ġustifikazzjoni għall-Artikoli 4(1) u 6(1)).

Emenda 25
Artikolu 7, paragrafu 2

2. Jekk ***in-natura jew*** it-tul ta' żmien tal-miżuri *sospensivi* jew sanzjonijiet alternattivi huma inkompatibbli mad-dispożizzjonijiet statutorji ta' l-Istat ta' esekuzzjoni, l-awtorità ġudizzjarja kompetenti f'dak l-Istat tista' tadattahom b'mod konformi mal-miżuri *sospensivi* u s-sanzjonijiet alternattivi li huma previsti, taħt il-liġi ta' l-Istat ta' esekuzzjoni, għal reati ***ta' l-istess tip***. Il-miżura *sospensiva* adattata jew is-sanzjoni alternattiva, għandha tikkorrispondi kemm jista' jkun ma' dik imposta fl-Istat emittenti.	2. Jekk it-tul ta' żmien tal-miżuri *ta' sospensjoni* jew sanzjonijiet alternattivi huma inkompatibbli mad-dispożizzjonijiet statutorji ta' l-Istat ta' esekuzzjoni, l-awtorità ġudizzjarja kompetenti f'dak l-Istat tista' tadattahom b'mod konformi mal-miżuri *ta' sospensjoni* u ***l-obbligi u l-istruzzjonijiet li jikkostitwixxu*** s-sanzjonijiet alternattivi ***eżistenti*** li huma previsti, taħt il-liġi ta' l-Istat ta' esekuzzjoni, għal reati ***simili***. Il-miżura *ta' sospensjoni* adattata jew is-sanzjoni alternattiva, għandha tikkorrispondi kemm jista' jkun ma' dik imposta fl-Istat emittenti.

Ġustifikazzjoni

L-inkompatibilità ta' miżuri jew sanzjonijiet tista' biss tiġi evalwata fejn jidħol it-tul taż-żmien, u mhux in-natura, tagħhom. Din biss tagħmel sens f'termini ta' legalità penali - u hekk biss jagħmel sens l-Artikolu 7(3). Ikun tassew diffiċli fil-prattika li tiġi stmata s-severità tal-miżuri jew sanzjonijiet adattati kieku kellhom ikunu ta' natura differenti.

Emenda 26
Artikolu 7, paragrafu 3 a (ġdid)

	3a. Kieku miżuri ta' sospensjoni jew sanzjonijiet alternattivi kellhom jiġu adattati skond il-paragrafu 2 hawn fuq, l-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni għandha mingħajr dewmien tinforma bid-deċiżjoni lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat emittenti.

	Wara li tirċievi din l-informazzjoni l-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat emittenti tista' tiddeċiedi li tirrevoka ċ-ċertifikat u s-sentenza (kif ukoll, jekk ikun il-każ, id-deċiżjoni ta' libertà proviżorja).

Emenda 27
Artikolu 9, paragrafu 1

1. L-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni tista' tiċħad li tirrikonoxxi s-sentenza u tassumi r-responsabbiltà għas-superviżjoni ta' miżuri *sospensivi* u sanzjonijiet alternattivi jekk:	1. L-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni tista' tiċħad li tirrikonoxxi s-sentenza ***(u, jekk ikun il-każ, id-deċiżjoni ta' libertà proviżorja)*** u tassumi r-responsabbiltà għas-superviżjoni ta' miżuri *ta' sospensjoni* u sanzjonijiet alternattivi jekk:

Emenda 28
Artikolu 9, paragrafu 1, punt (a)

(a) iċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 6 *mhux* komplet jew b'mod ċar ma jaqbilx mas-sentenza u ma *hux* ikkompletat jew ikkorreġut f'terminu raġonevoli stabbilit mill-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni;	(a) iċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 6 *ma jkunx* komplet jew b'mod ċar ma jaqbilx mas-sentenza ***jew id-deċiżjoni ta' libertà proviżorja*** u ma *jkunx* ikkompletat jew ikkorreġut f'terminu raġonevoli stabbilit mill-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni;

Emenda 29
Artikolu 9, paragrafu 1, punt (b)

(b) il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 5 ma jintlaħqux;	(b) il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 5 ma jintlaħqux ***(inkluż, iżda mhux ristretti biss, għar-rekwiżit ta' residenza legali u ordinarja fl-Istat ta' esekuzzjoni);***

Ġustifikazzjoni

L-Istat ta' esekuzzjoni jrid ikun l-Istat 'li fuq it-territorju tiegħu l-persuna ssentenzjata għandha r-residenza legali u ordinarja tagħha' u għalhekk ir-residenza għandha tkun ukoll 'kriterju' li jrid jitqies mill-Istat 'mitlub li jesegwixxi' meta jiċħad li jirrikonoxxi jew li jieħu responsabilità għas-superviżjoni.

Emenda 30
Artikolu 9, paragrafu 1, punt (e)

(e) ***il-prosekuzzjoni, jew l-esekuzzjoni ta' sentenza***, hija diġà preskritta taħt il-liġi ta' l-Istat ta' esekuzzjoni ***u tirrigwarda att li jaqa' fil-kompetenza ta' l-Istat ta' esekuzzjoni skond id-dritt nazzjonali tiegħu***;	(e) ***is-sentenza***, hija diġà preskritta taħt il-liġi ta' l-Istat ta' esekuzzjoni;

Ġustifikazzjoni

(a) Din l-emenda tħassar ir-referenza għall-preskrizzjoni ta' azzjoni penali, peress li aktar minn prosekuzzjoni hija tikkonċerna sentenzi li diġà ġew applikati; (b) fir-realtà, għandu jkun hemm referenza għall-'preskrizzjoni tas-sentenza' u mhux għall-preskrizzjoni ta' l-esekuzzjoni ta' sentenza, peress li jekk sentenza trid tiġi esegwita din ma tistax tiġi preskritta (jew, aħjar, l-esekuzzjoni tagħha ma tistax tiġi preskritta) jekk jintlaħaq iż-żmien sabiex tiġi preskritta s-sentenza.

Emenda 31
Artikolu 9, paragrafu 1, punt (a)

(i) is-sentenza tipprovdi għal trattament mediku/terapewtiku li, minkejja d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 7(2), l-Istat ta' esekuzzjoni ma jkunx jista' jagħmel superviżjoni tiegħu minħabba s-sistema ***legali jew*** tal-kura tas-saħħa tiegħu; jew	(i) is-sentenza ***jew possibilment id-deċiżjoni ta' libertà proviżorja*** tipprovdi għal trattament mediku/terapewtiku li, minkejja d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 7(2), l-Istat ta' esekuzzjoni ma jkunx jista' jagħmel superviżjoni tiegħu minħabba s-sistema tal-kura tas-saħħa tiegħu; jew

Ġustifikazzjoni

Ma tagħmilx sens li wieħed jinvoka s-sistema legali bħala raġuni sabiex ma jkunx hemm esekuzzjoni: skond l-Artikolu 11, '... is-superviżjoni .... għandhom ikunu rregolati mil-liġi ta' l-Istat ta' esekuzzjoni'. Għalhekk it-tifsira ta' l-Artikolu 11 għandha tkun (sakemm l-effetti prattiċi li l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni ta' Qafas hija maħsuba li tilħaq - jiġifieri l-esekuzzjoni effettiva tas-sentenzi ta' din ix-xorta, bil-għan li jintlaħqu ċerti objettivi - mhumiex se jitneħħew) li l-Istat ta' esekuzzjoni (li huwa obbligat li jwettaq superviżjoni tal-miżuri u sanzjonijiet, u li ħa r-responsabilità ta' dan, skond l-Artikolu 5(1) u (2)) jeħtieġ jadotta liġijiet interni bl-iskop li jwettaq din is-superviżjoni jekk dawn il-liġijiet għadhom ma jeżistux fil-prattika.

Emenda 32
Artikolu 9, paragrafu 1, punt (j)

(i) fil-każ imsemmi fl-Artikolu 13(1), ma jista' jintlaħaq l-ebda ftehim dwar l-adattament ta' miżuri sospensivi jew sanzjonijet alternattivi.	***Imħassar***

Ġustifikazzjoni

It-tħassir ta' dan is-subparagrafu huwa marbut mat-tħassir ta' l-Artikolu 13, li kien iwassal għal ammont kbir wisq ta' konsultazzjoni u jagħmel id-Deċiżjoni ta' Qafas ineffettiva ħafna.

Emenda 33
Artikolu 9, paragrafu 1, punt (j a) (ġdid)

	(ja) iċ-ċertifikat jew sentenza jinkludu miżuri li mhumiex imniżżla jew aċċettati skond l-Artikolu 5(1) u (2) ta' din id-Deċiżjoni ta' Qafas.

Emenda 34
Artikolu 9, paragrafu 2

2. Qabel ma l-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni tiddeċiedi, fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, li ***tirrifjuta li tirrikonoxxi*** s-sentenza u tassumi r-responsabbiltà għas-superviżjoni tal-miżuri *sospensivi* u s-sanzjonijiet alternattivi, hi għandha tikkomunika, b'mezzi xierqa, ma' l-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat emittenti u, skond kif meħtieġ, titlob lil ta' l-aħħar iforni immedjatament l-informazzjoni addizzjonali kollha meħtieġa.	2. Qabel ma l-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni tiddeċiedi, fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1***(a), (b), (c), (h) u (i)***, li ***ma tirrikonoxxix i***s-sentenza ***(jew, jekk ikun il-każ, id-deċiżjoni ta' libertà proviżorja)*** u tassumi r-responsabbiltà għas-superviżjoni tal-miżuri *ta' sospensjoni* u s-sanzjonijiet alternattivi, hi għandha tikkomunika, b'mezzi xierqa, ma' l-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat emittenti u, skond kif meħtieġ, titlob lil ta' l-aħħar iforni immedjatament l-informazzjoni addizzjonali kollha meħtieġa.

Emenda 35
Artikolu 10, paragrafu 1

1. L-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni għandha tiddeċiedi, fi żmien ***għaxart ijiem*** wara li tirċievi s-sentenza u ċ-ċertifikat, jekk tirrikonoxxix	1. L-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni għandha tiddeċiedi, fi żmien ***tletin jum*** wara li tirċievi s-sentenza u ċ-ċertifikat, jekk tirrikonoxxix je le s-

je le s-sentenza u tassumi r-responsabbiltà għas-superviżjoni tal-miżuri *sospensivi* u s-sanzjonijiet alternattivi. Hi għandha tinforma immedjatament lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat emittenti bid-deċiżjoni tagħha, bi kwalunkwe mezz li jħalli rekord bil-miktub. Għandhom jingħataw raġunijiet għaliex hi tkun ċaħdet li tirrikonoxxi s-sentenza u għaliex tkun irrifjutat li tassumi r-responsabbiltà għas-superviżjoni.	sentenza u tassumi r-responsabbiltà għas-superviżjoni tal-miżuri *ta' sospensjoni* u s-sanzjonijiet alternattivi. Hi għandha tinforma immedjatament lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat emittenti bid-deċiżjoni tagħha, bi kwalunkwe mezz li jħalli rekord bil-miktub. Għandhom jingħataw raġunijiet għaliex hi tkun ċaħdet li tirrikonoxxi s-sentenza u għaliex tkun irrifjutat li tassumi r-responsabbiltà għas-superviżjoni.

Ġustifikazzjoni

Dan huwa żmien raġonevoli.

Emenda 36
Artikolu 10, paragrafu 2

2. Jekk, f'każ ***speċifiku***, ma jkunx possibbli għall-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni li tikkonforma mal-limitu ta' żmien stabbilit fil-paragrafu 1, hi għandha minnufih tinforma lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat emittenti, bi kwalunkwe mezz li tagħżel, waqt li tagħti r-raġunijiet għad-dewmien u tindika kemm biħsiebha tieħu biex toħroġ deċiżjoni finali.	2. Jekk, f'każ ***eċċezzjonali***, ma jkunx possibbli għall-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni li tikkonforma mal-limitu ta' żmien stabbilit fil-paragrafu 1, hi għandha minnufih tinforma lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat emittenti, bi kwalunkwe mezz li tagħżel, waqt li tagħti r-raġunijiet għad-dewmien u tindika kemm biħsiebha tieħu biex toħroġ deċiżjoni finali.

Ġustifikazzjoni

Għall-konsistenza ma' l-Artikolu 10 tad-Deċiżjoni ta' Qafas dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku għal deċiżjonijiet fi kwistjonijiet kriminali li jimponu sentenzi ta' kustodja jew miżuri oħra li jinvolvu t-tiċħid tal-libertà għall-iskop ta' l-infurzar tagħhom fl-Unjoni Ewropea. It-tkabbir tal-limitu ta' żmien għal 30 jum ikun ifisser li dawn il-każijiet jiġu dejjem meqjusa bħala eċċezzjonali.

Emenda 37
Artikolu 11

Is-superviżjoni ta' miżuri *sospensivi* u sanzjonijiet alternattivi għandhom ikunu rregolati mil-liġi ta' l-Istat ta' esekuzzjoni.	Is-superviżjoni ta' miżuri *ta' sospensjoni* u ***ta' l-obbligi u l-istruzzjonijiet li jikkostitwixxu*** sanzjonijiet alternattivi għandhom ikunu rregolati mil-liġi ta' l-Istat ta' esekuzzjoni.

Emenda 38
Artikolu 12, paragrafu 1

1. L-awtorità ***ġudizzjarja*** kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni għandu jkollha l-ġurisdizzjoni li tieħu d-deċiżjonijiet kollha sussegwenti rigward is-sentenza sospiża, is-sanzjoni alternattiva *jew* is-sentenza kondizzjonali, bħall-modifika ta' miżuri *sospensivi*, ir-revoka tas-sospensjoni, l-issentenzjar fil-każ ta' sentenza kondizzjonali, jew ***remissjoni***. Il-liġi ta' l-Istat ta' esekuzzjoni għandha tapplika għad-deċiżjonijiet imsemmija preċedentement u għall-konsegwenzi sussegwenti kollha tas-sentenza.	1. L-awtorità kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni għandu jkollha l-ġurisdizzjoni li tieħu d-deċiżjonijiet kollha sussegwenti rigward is-sentenza sospiża, is-sanzjoni alternattiva***,*** is-sentenza kondizzjonali ***jew il-libertà proviżorja***, bħall-modifika ta' miżuri *ta' sospensjoni*, ir-revoka tas-sospensjoni, l-issentenzjar fil-każ ta' sentenza kondizzjonali, jew ***ir-revoka*** jew ***il-waqa' awtomatika tagħha*** . Il-liġi ta' l-Istat ta' esekuzzjoni għandha tapplika għad-deċiżjonijiet imsemmija preċedentement u għall-konsegwenzi sussegwenti kollha tas-sentenza.

Ġustifikazzjoni

(a) F'dan l-artikolu r-referenza għandha tkun biss għall-'awtorità kompetenti': F'ċerti Stati Membri id-'deċiżjonijiet sussegwenti' msemmija hawnhekk ma jistgħux jittieħdu minn 'awtoritajiet ġudizzjarji' (pereżempju, deċiżjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' modifiki fil-miżuri ta' sospensjoni); (b) sabiex tiġi ffissata sentenza f'każ ta' sentenza kondizzjonali jinħtieġ li l-ewwel tiġi rrevokata s-sentenza kondizzjonali; (c) il-kliem 'waqa' awtomatika' huma aktar preferuti mill-kelma 'remissjoni' minħabba uniformità lingwistika (ara l-Artikolu 14(1)(d)).

Emenda 39
Artikolu 12, paragrafu 2

2. L-awtorità ***ġudizzjarja*** kompetenti fl-Istat emittenti tista' tirriżerva l-kompetenza li tieħu d-deċiżjonijiet sussegwenti kollha dwar is-sentenzi kondizzjonali. F'dan il-każ il-liġi ta' l-Istat emittenti għandha tapplika għall-konsegwenzi sussegwenti kollha tas-sentenza.	2. L-awtorità kompetenti fl-Istat emittenti tista' tirriżerva l-kompetenza li tieħu d-deċiżjonijiet sussegwenti kollha dwar is-sentenzi kondizzjonali. F'dan il-każ il-liġi ta' l-Istat emittenti għandha tapplika ***għad-deċiżjonijiet kollha msemmija hawn fuq u*** għall-konsegwenzi sussegwenti kollha tas-sentenza.

Ġustifikazzjoni

L-Istat, kemm jekk emittenti kif ukoll jekk ta' esekuzzjoni, li jinforza l-liġi, jinforza l-liġi tiegħu stess.

Emenda 40
Artikolu 12, paragrafu 3

3. Meta jkun qed ***jittrasponi*** din id-Deċiżjoni *Kwadru*, kull Stat Membru jista' jindika li bħala Stat ta' esekuzzjoni ***jista', f'każi individwali,*** jirrifjuta li jassumi r-responsabbiltà prevista fil-paragrafu 1. F'dawn il-każijiet, id-deċiżjoni għandha tittieħed u n-notifika tiġi effettwata skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 10. Dan m'għandux jaffettwa l-obbligu stabbilit fl-Artikolu 7(1).	3. Meta jkun qed ***jadotta*** din id-Deċiżjoni *ta' Qafas* ***jew sussegwentement fil-mument tat-traspożizzjoni u permezz ta' dikjarazzjoni mogħtija lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill***, kull Stat Membru jista' jindika li***,*** bħala Stat ta' esekuzzjoni ***u fil-kategoriji ta' każijiet li jridu jiġi speċifikati minn dak l-Istat Membru,*** jirrifjuta li jassumi r-responsabbiltà prevista fil-paragrafu 1 F'dawn il-każijiet, id-deċiżjoni għandha tittieħed ***(filwaqt li jingħataw ir-raġunijiet)*** u n-notifika tiġi effettwata skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 10. Dan m'għandux jaffettwa l-obbligu stabbilit fl-Artikolu 7(1). ***Din id-dikjarazzjoni minn Stat Membru tista' tiġi rtirata fi kwalunkwe ħin. Id-dikjarazzjonijiet jew l-irtirar tagħhom għandhom jiġu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.***

Ġustifikazzjoni

Il-prinċipju huwa li r-rifjut għandu jkun biss l-eċċezzjoni - inkella d-Direttiva ta' Qafas issir anqas effettiva u b'hekk tagħmel anqas sens.

Emenda 41
Artikolu 13, paragrafu 1

1. Jekk l-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni bi ħsiebha tagħmel adattamenti kif previst fl-Artikolu 7(2) u (3), hi għandha l-ewwel tikkonsulta lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat emittenti dwar il-miżuri sospensivi adatti jew s-sanzjoni alternattiva.	***Imħassar***

Ġustifikazzjoni

L-Artikolu 13 huwa mħassar sabiex ikun evitat ammont kbir wisq ta' konsultazzjoni, li jdgħajjef l-effettività tad-Deċiżjoni ta' Qafas. Madankollu għandu jiġi nnutat li, b'konformità mal-paragrafu 4 il-ġdid, miżjud lill-paragrafu 7, iċ-ċertifikat jista' jiġi rtirat mill-Istat emittenti jekk l-adattament msemmi fl-Artikolu 7 ma jkunx aċċettabbli.

Emenda 42
Artikolu 13, paragrafu 2

2. Meta tgħaddi s-sentenza u ċ-ċertifikat kif previst fl-Artikolu 6, l-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat emittenti tista' tirrinunzja għall-konsultazzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 1. F'dak il-każ, kull adattament li jkun sar mill-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni skond l-Artikolu 7(2) u (3) għandu sussegwentement jiġi nnotifikat lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti ta' l-Istat emittenti.	***Imħassar***

Emenda 43
Artikolu 14, titolu

Obbligi ta' l-awtoritajiet involuti fejn l-Istat ta' esekuzzjoni għandu ġurisdizzjoni fir-rigward tad-deċiżjonijiet ***ulterjuri*** kollha	Obbligi ta' l-awtoritajiet involuti fejn l-Istat ta' esekuzzjoni għandu ġurisdizzjoni fir-rigward tad-deċiżjonijiet ***sussegwenti*** kollha

Ġustifikazzjoni

Uniformità fit-terminoloġija (ara l-Artikolu 12(1)).

Emenda 44
Artikolu 14, paragrafu 1, punt (a)

(a) modifika tal-miżuri *sospensivi* ***jew tas-sanzjoni alternattiva***;	(a) ***Sanzjonijiet alternattivi u*** modifika tal-miżuri *ta' sospensjoni*;

Emenda 45
Artikolu 14, paragrafu 1, punt (b)

(b) ir-revoka tas-***sospensjoni tas-sentenza***;	(b) ir-revoka tas-***sentenza sospiża u tas-sentenza kondizzjonali***;

Emenda 46

Artikolu 14, paragrafu 1, punt (c)

(c) ***l-impożizzjoni ta' sentenza*** fil-każ ta' sentenza kondizzjonali;	(c) ***l-għoti ta' sentenza*** fil-każ ta' sentenza kondizzjonali;

Ġustifikazzjoni

Uniformità fit-terminoloġija (ara l-Artikolu 12(1)).

Emenda 47
Artikolu 14, paragrafu 1, punt (d)

(d) *l-iskadenza* ***tal-miżuri sospensivi*** jew *is*-sanzjoni alternattiva.	(d) *il-waqa' awtomatika* ***tas-sentenzi sospiżi, sentenzi kondizzjonali*** jew sanzjoni alternattiva.

Emenda 48
Artikolu 14, paragrafu 1 a (ġdid)

	(1a) Fil-każijiet meta jiġu rrevokati sentenzi sospiżi, sentenzi kondizzjonali u sanzjonijiet alternattivi, l-Istat ta' esekuzzjoni għandu jkun responsabbli li jesegwixxi l-piena ta' kustodja imposta fis-sentenza, ħlief fil-każijiet skond l-Artikolu 12(2) u (3).

Emenda 49
Artikolu 14, paragrafu 2

2. L-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat emittenti għandha tinforma minnufih lill-awtorità ġudizzjarja fl-Istat li jissentenzja, bi kwalunkwe mezz li jħalli rekord bil-miktub, b'kull ċirkostanza jew sejba li, fl-opinjoni tagħha, tista' twassal għar-revoka tas-sospensjoni tas-sentenza jew modifika tal-miżuri *sospensivi* jew tas-sanzjoni alternattiva.	2. L-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat emittenti għandha tinforma minnufih lill-awtorità ġudizzjarja fl-Istat li jissentenzja, bi kwalunkwe mezz li jħalli rekord bil-miktub, b'kull ċirkostanza jew sejba li, fl-opinjoni tagħha, tista' twassal għar-revoka tas-sospensjoni tas-sentenza ***jew tas-sentenza kondizzjonali*** jew modifika tal-miżuri *ta' sospensjoni* jew ***l-obbligi jew l-istruzzjonijiet li jikkostitwixxu*** sanzjoni alternattiva.

Emenda 50
Artikolu 14, paragrafu 2a (ġdid)

	2a. Fil-każ ta' sentenza kondizzjonali jew f'każ ta' revoka tas-sospensjoni tas-sentenza, il-persuna trid tiġi mismugħa mill-awtoritajiet ġudizzjarji qabel ma tiġi ssentenzjata, sabiex ikun żgurat li jiġi rrispettat il-prinċipju tas-smigħ tal-konvenut.

Ġustifikazzjoni

Għandu jkun hemm parallel bejn din is-sitwazzjoni u s-sitwazzjoni skond l-Artikolu 15(2). Il-prinċipju tas-smigħ tal-konvenut jikkostitwixxi parti essenzjali tal-proċeduri kriminali f'dawn il-każijiet.

Emenda 51
Artikolu 15, titolu

Obbligi ta' l-awtoritajiet involuti fejn l-Istat emittenti għandu ġurisdizzjoni fir-rigward tad-deċiżjonijiet ***ulterjuri*** kollha	Obbligi ta' l-awtoritajiet involuti fejn l-Istat emittenti għandu ġurisdizzjoni fir-rigward tad-deċiżjonijiet ***sussegwenti*** kollha

Emenda 52
Artikolu 15, paragrafu 1

1. Jekk l-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat emittenti għandha ġurisdizzjoni fir-rigward tad-deċiżjonijiet ***ulterjuri*** kollha skond l-Artikolu 12(2) u (3), l-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni għandha minnufih tinnotifikaha dwar:	1. Jekk l-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat emittenti għandha ġurisdizzjoni fir-rigward tad-deċiżjonijiet ***sussegwenti*** kollha skond l-Artikolu 12(2) u (3), l-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni għandha minnufih tinnotifikaha dwar:

Emenda 53
Artikolu 15, paragrafu 1, punt (a)

(a) ***kwalunkwe*** ksur ta' miżura *sospensiva* jew sanzjoni alternattiva; u	(a) ksur ta' miżura *ta' sospensjoni* jew ***ta' l-obbligi u l-istruzzjonijiet li jikkostitwixxu*** sanzjoni alternattiva; u

Emenda 54
Artikolu 15, paragrafu 1, punt (b), punt (i)

(i) tista' twassal għall-modifika tal-miżuri	(i) tista' twassal għall-modifika tal-miżuri *ta' sospensjoni* jew ***ta' l-obbligi u l-***

sospensivi jew *is-sanzjonijiet alternattivi*,	***istruzzjonijiet li jikkostitwixxu*** *sanzjoni alternattiva*,

Emenda 55
Artikolu 15, paragrafu 1, punt (b), punt (ii)

(ii) hi rilevanti ***għall-impożizzjoni ta' sentenza*** fil-każ ta' sentenza kondizzjonali, jew	(ii) hi rilevanti ***għall-għoti ta' sentenza*** fil-każ ta' sentenza kondizzjonali, jew

Emenda 56
Artikolu 15, paragrafu 1, punt (b), punt (iii)

(iii) tista' tirriżulta f'revoka tas-*sospensjonitas*-sentenza.	(iii) tista' tirriżulta f'revoka tas-*sospensjoni tas*-sentenza ***u tas-sentenza kondizzjonali***.

Emenda 57
Artikolu 15, paragrafu 3

3. Qabel ma tittieħed deċiżjoni dwar ***l-impożizzjoni ta' sentenza*** fil-każ ta' sentenza kondizzjonali jew dwar ir-revoka ta' sospensjoni ta' sentenza, il-persuna sentenzjata għandha ***tingħata smigħ ġudizzjarju***. ***Jekk ikun il-każ, din il-ħtieġa tista' tiġi sodisfatta skond il-proċedura prevista fl-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni tad-29 ta' Mejju 2000 dwar l-Assistenza Reċiproka f'Affarijiet Kriminali bejn l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea.***	3. Qabel ma tittieħed deċiżjoni dwar ***l-għoti ta' sentenza*** fil-każ ta' sentenza kondizzjonali jew dwar ir-revoka ta' sospensjoni ta' sentenza, il-persuna sentenzjata għandha ***tiġi mismugħa mill-awtoritajiet ġudizzjarji sabiex ikun żgurat li jiġi rrispettat il-prinċipju tas-smigħ tal-konvenut.***

----

[1]ĠU C 197, 12.7. 2000, p. 3.

Emenda 58
Artikolu 15, paragrafu 4, punt (a)

(a) il-modifika tal-miżuri *sospensivi* jew *is*-sanzjoni alternattiva;	(a) il-modifika tal-miżuri *ta' sospensjoni* jew ***ta' l-obbligi u l-istruzzjonijiet li jikkostitwixxu*** sanzjoni alternattiva;

Emenda 59
Artikolu 15, paragrafu 4, punt (b)

(b) ir-revoka tas-sospensjoni tas-sentenza;	(b) ir-revoka tas-sospensjoni tas-sentenza ***u tas-sentenza kondizzjonali***;

Emenda 60
Artikolu 15, paragrafu 4, punt (c)

(*ċ*) ***l-impożizzjoni ta' sentenza*** fil-każ ta' sentenza kondizzjonali;	(*c*) ***l-għoti ta' sentenza*** fil-każ ta' sentenza kondizzjonali;

Emenda 61
Artikolu 15, paragrafu 4, punt (d)

(d) *l-iskadenza* ***tal-miżuri sospensivi*** jew *is*-sanzjoni alternattiva.	(d) (d) *il-waqa' awtomatika* ***ta' sentenza sospiża, sentenza kondizzjonali*** jew sanzjoni alternattiva.

Emenda 62
Artikolu 15, paragrafu 4 a (ġdid)

	4a. Kwalunkwe modifika ta' miżura ta' sospensjoni jew ta' l-obbligi jew istruzzjonijiet li jikkostitwixxu sanzjonijiet alternattivi mill-awtorità ġudizzjarja kompetenti ta' l-Istat emittenti trid titwettaq filwaqt li jitqies kif jixraq l-Artikolu 5. Fil-każ ta' modifika l-awtorità kompetenti ta' l-Istat ta' esekuzzjoni tista' tagħżel li tieħu deċiżjoni ġdida skond l-Artikolu 7(2) jew l-Artikolu 9(1)(i).

Emenda 63
Artikolu 15, paragrafu 5

5. Fil-każ ta' impożizzjoni ta' sentenza jew revoka ta' sospensjoni ta' sentenza, l-awtorità ġudizzjarja kompetenti ta' l-Istat emittenti għandha fl-istess ħin tinforma lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti ta' l-Istat ta' esekuzzjoni ***jekk għandhiex il-ħsieb***	5. Fil-każ ta' impożizzjoni ta' sentenza jew revoka ta' sospensjoni ta' sentenza, l-awtorità ġudizzjarja kompetenti ta' l-Istat emittenti għandha fl-istess ħin tinforma lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti ta' l-Istat ta' esekuzzjoni ***li m'hemmx aktar il-ħtieġa***

tibgħat lill-Istat ta' esekuzzjoni:	***ta' sorveljanza tal-miżuri ta' sospensjoni.***:

Emenda 64
Artikolu 15, paragrafu 5, punt (a)

(a) sentenza u ċertifikat kif previst fid-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2007/.../ĠAI għall-fini li jieħu fuqu r-responsabbiltà għall-infurzar tal-miżura li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà; jew	***Imħassar***

**** ĠU: J.J. żidu n-numru tad-Deċiżjoni Kwadru msemmija fi premessa 3.***

Emenda 65
Artikolu 15, paragrafu 5, punt (b)

(b) mandat ta' arrest Ewropew għall-fini taċ-ċediment tal-persuna sentenzjata skond id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri.	***Imħassar***

.----------

[1] ĠU L 190 tat-18.7.2002, p. 1.

Emenda 66
Artikolu 15, paragrafu 6

6. ***Jekk l-obbligu biex jiġu esegwiti l-miżuri ta' sospensjoni jew is-sanzjonijiet alternattivi jkun skada***, l-awtorità kompetenti ta' l-Istat ta' esekuzzjoni għandha ttemm ***il-miżuri ordnati hekk kif hi tkun ġiet debitament infurmata mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat emittenti***.	6. ***Meta tiġi nnotifikata dwar il-fatt mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat emittenti skond il-paragrafu 5 t'hawn fuq***, l-awtorità kompetenti ta' l-Istat ta' esekuzzjoni għandha ttemm ***is-superviżjoni u l-esekuzzjoni tal-miżuri ta' sospensjoni.***

Emenda 67
Artikolu 16, titolu

Amnestija <u>*u*</u> maħfra	Amnestija*,* maħfra ***u reviżjoni tas-sentenza***

Emenda 68
Artikolu 16, paragrafu 1 a (ġdid)

L-Istat emittenti biss jista' jieħu deċiżjoni dwar talbiet għar-reviżjoni ta' sentenzi li jinvolvu sentenzi sospiżi, sentenzi kondizzjonali u sanzjonijiet alternattivi, li s-superviżjoni u l-esekuzzjoni tagħhom huma koperti minn din id-Deċiżjoni ta' Qafas.

Emenda 69
Artikolu 17

Jekk il-persuna sentenzjata tħalli l-Istat ta' esekuzzjoni ***u tistabbilixxi r-residenza legali u ordinarja tagħha fi Stat Membru ieħor***, l-awtorità ġudizzjarja kompetenti ta' l-Istat ta' esekuzzjoni għandha tittrasferixxi l-ġurisdizzjoni fir-rigward tas-superviżjoni tal-miżuri ta' sospensjoni u *s*-sanzjonijiet alternattivi u fir-rigward tad-deċiżjonijiet ulterjuri kollha rigward l-esekuzzjoni tas-sentenza lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti ta' l-Istat emittenti.	***1.*** Jekk il-persuna sentenzjata tħalli l-Istat ta' esekuzzjoni ***jew ma tibqax ikollha residenza legali u ordinarja fl-Istat ta' esekuzzjoni***, l-awtorità ġudizzjarja kompetenti ta' l-Istat ta' esekuzzjoni għandha tittrasferixxi l-ġurisdizzjoni fir-rigward tas-superviżjoni tal-miżuri ta' sospensjoni u ***ta' l-obbligi jew istruzzjonijiet li jikkostitwixxu*** sanzjonijiet alternattivi u fir-rigward tad-deċiżjonijiet ulterjuri kollha rigward l-esekuzzjoni tas-sentenza ***(jew jekk ikun il-każ, tad-deċiżjoni ta' libertà proviżorja)*** lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti ta' l-Istat emittenti.

Ġustifikazzjoni

L-Istat ta' esekuzzjoni ma jistax aktar iwettaq superviżjoni fuq il-persuna ssentenzjata, għalhekk ir-responsabilità għas-superviżjoni tgħaddi fuq l-Istat emittenti. Dan it-trasferiment ta' responsabilità għandu jitqies bħala 'obligu' u mhux bħala 'setgħa'.

Emenda 70
Artikolu 17, paragrafu 1 a (ġdid)

1a. It-trasferiment ta' ġurisdizzjoni msemmi f'paragrafu 1 irid isir ukoll jekk l-Istat emittenti joħroġ talba għal dan lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti ta' l-Istat ta' esekuzzjoni, minħabba li proċeduri kriminali ulterjuri kontra l-persuna jkunu

qed iseħħu fl-Istat emittenti.

NOTA SPJEGATTIVA

1. Issa għadda ż-żmien minn meta l-Unjoni Ewropea waqfet milli tkun sempliċement żona ekonomika komuni u bdiet tadotta wkoll valuri komuni. Hija tinsab miexja lejn l-għan tagħha li tistabbilixxi komunità politika li tfittex li tilħaq l-ideal illuminista tad-dinjità sublimi tal-bniedem u bil-mod qed iddaħħal qsim ta' setgħa politika qalb l-Istati Membri tagħha, koperazzjoni fost l-istituzzjonijiet u sistemi legali li hija kemm kosmopolitana kif ukoll għandha l-bniedem bħala ċ-ċentru.

Dak li verament huwa affaxxinanti dwar l-Unjoni Ewropea huwa dan il-vjaġġ lejn l-individwu u lejn sistema legali li tkun applikabbli għall-popli u għall-ġenerazzjonijiet kollha.

Fi ħdan iz-zona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, il-moviment ħieles ta' persuni huwa akkumpanjat mill-moviment tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji permezz tar-rikonoxximent reċiproku kif ukoll permezz ta' koperazzjoni ġudizzjarja u bejn il-pulizija. Id-diversi oqsma tal-liġi (inkluża l-liġi kriminali) qegħdin aktar u aktar jinħelsu mill-'fewdalizzazzjoni' fi ħdan l-Istati Membri individwali sabiex ikun żgurat l-ideal komuni ta' ġustizzja għal kulħadd. L-Unjoni Ewropea hija eżempju straordinarju ta' organizzazzjoni politika li tgħalmet tgħaqqad l-interessi partikulari ta' kull Stat Membru bl-għanijiet morali ta' proġett ta' sistema legali.

Il-liġi kriminali hija inkluża f'din il-mixja gradwali lejn il-koperazzjoni reċiproka fost l-Istati membri ta' l-UE. L-għan tad-Deċiżjoni ta' Qafas li qed tiġi mfassla hu li *tiffaċilita r-riintegrazzjoni fis-soċjetà ta' persuna kkundannata, li tipprovdi ħarsien aħjar għall-vittmi u għas-soċjetà b'mod ġenerali u li tiffaċilita l-infurzar ta' sentenzi sospiżi, sanzjonijiet alternattivi u sentenzi kondizzjonali adegwati fil-każ ta' trasgressuri li mhumiex residenti fl-Istat li qed jagħti s-sentenza.* Il-valur ta' din l-inizjattiva huwa fuq kollox li jinkuraġġixxi lill-awtoritajiet ġudizzjarji ta' l-Istati Membri sabiex fil-liġi kriminali tagħhom idaħħlu sanzjonijiet li ma jkunux sentenzi ta' kustodja. Aħna lkoll konxji li jekk l-aġenda politika ma toffrix kundizzjonijiet għall-istabbiliment ta' sanzjonijiet alternattivi, l-imħallfin ikollhom it-tendenza li ma japplikawhomx. L-iffaċilitar tas-sanzjonijiet alternattivi jservi sabiex jippromwovi attitudni umanitarja lejn il-liġi kriminali u lejn is-sentenzi u għalhekk jippromwovi l-liġi Ewropea b'mod ġenerali. Hija ssolvi wkoll id-dilemma li d-dritt tal-persuna ssentenzjata għar-riintegrazzjoni soċjali jiġi mqabbel ma' l-interess tas-soċjetà sabiex tintegraha. Il-verità hi li m'hemm l-ebda oppożizzjoni għal dan. L-istejtus ta' persuni ssentenzjati huwa wkoll riga li tippermetti li jitkejlu l-grad ta' ċiviltà u l-kalibru tas-sistema ġudizzjarja ta' kwalunkwe komunità politika. Il-promozzjoni ta' l-applikazzjoni ta' miżuri ta' sospensjoni bħala alternattiva għas-sentenza ta' kustodja huwa objettiv li jrid jintlaħaq b'urġenza fil-kamp tal-liġi kriminali ta' l-UE. Il-politika Ewropea trid taħdem ħalli

tistabbilixxi rabta bejn il-liġi kriminali u kultura ta' drittijiet fil-forom kollha tagħha: fir-rigward tat-tfassil u l-esekuzzjoni tas-sentenzi u r-relazzjoni bejn il-persuni ssentenzjati u s-soċjetà b'mod ġenerali.

2. Xi daqqiet l-effettività tar-rikonoxximent reċiproku hija ristretta mill-fatt li l-liġijiet kriminali ta' l-Istati Membri għadhom fl-ewwel stadji ta' armonizzazzjoni. Eżempju ta' dan hija d-Deċiżjoni ta' Qafas li qiegħda titfassal. Il-proċedura għall-koperazzjoni fis-superviżjoni u l-esekuzzjoni ta' sanzjonijiet alternattivi tkun ħafna aktar sempliċi u effiċjenti (kif ukoll ħafna anqas problematika) kieku l-Istati Membri jadottaw l-istess tip ta' sentenza jew kellhom strutturi ġudizzjarji simili, jew anke kieku kellhom liġijiet kriminali sostantivi u proċedurali bi grad ogħla ta' ekwivalenza [ara l-problema ta' l-adottar ta' 'miżuri differenti' jew ta' l-'instabbilità ta' ġurisdizzjonijiet' meta tiġi rrevokata sentenza sospiża jew meta tiġi imposta sentenza fil-każ ta' sentenza kondizzjonali].

Il-ħtieġa li l-liġijiet kriminali sostantivi ta' l-Istati Membri jiġu progressivament armonizzati hija kundizzjoni importanti għat-tlestija taz-zona Ewropea ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Barra minn hekk, it-tkabbir ta' l-armonizzazzjoni tal-liġijiet kriminali ta' l-Istati Membri jista' jitmexxa 'l quddiem fuq il-bażi tal-valuri komuni msemmija fl-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea: wara kollox, dawn il-valuri huma fil-biċċa l-kbira ggarantiti fuq liġijiet li jikkundannaw l-imġiba kriminali.

3. Sadanittant ir-regoli proċedurali stipulati fid-Deċiżjoni ta' Qafas iridu jiġu organizzati fuq il-bażi tas-sitwazzjoni attwali ta' l-affarijiet. Għalhekk ġie deċiż li għal raġunijiet ta' legalità, ċarezza u ċertezza legali, it-tqassim tas-setgħat u responsabilitajiet bejn l-Istati emittenti u l-Istat ta' esekuzzjoni jiġi rregolat mir-regola li l-Istat li jeżerċita setgħa jew responsabilità partikulari japplika l-liġijiet tiegħu għaliha (*ara l-Artikolu 12(2)*).

Flimkien ma' dan l-arranġament ittieħdet deċiżjoni sabiex jiġi stipulat il-prinċipju tas-smigħ tal-konvenuti bħala l-prinċipju li jrid jiġi applikat f'każijiet li jinvolvu r-revoka ta' sentenza sospiża jew l-impożizzjoni ta' sentenza kondizzjonali [*ara l-Artikolu 14(2)a (ġdid)*]. Bl-istess mod, ġiet meqjusa meħtieġa r-referenza għall-kostituzzjonijiet ta' l-Istati Membri fir-rigward mar-referenza għall-valuri tat-Trattat (*ara l-Artikolu 3*). Id-drittijiet fundamentali stabilixxew standard li fuqu l-katalogi tad-drittijiet fundamentali ta' l-UE u ta' l-Istati Membri jridu jinqraw bħala katologi miftuħa li jikkumplimentaw lil xulxin.

F'dan id-dawl, ġiet imfittxija wkoll soluzzjoni għall-kwistjoni tal-kunsens fil-mument tat-trasferiment tar-responsabilità għas-superviżjoni u l-esekuzzjoni (*ara l-Artikolu 5(1)a*). L-għażla ta' trasferiment mhijiex dritt fundamentali tal-persuna ssentenzjata [proprju minħabba li dik il-persuna diġà għandha stejtus ta' 'sentenzjata' u l-kjarifika taż-żmien u ta' l-irwol hija wkoll kwistjoni ta' leġittimità ġudizzjarja]. Għalhekk it-trasferiment mhuwiex suġġett għall-kunsens. Li għandu jkun hemm hija kunsiderazzjoni ġudizzjarja, u deċiżiva, maħsuba għall-finijiet tad-Deċiżjoni ta' Qafas, u l-għoti lill-persuna ssentenzjata tad-dritt li jkun mismugħ, peress li s-smigħ għandu rwol importanti ħafna f'din il-kunsiderazzjoni.

Barra minn hekk, huwa fl-interess ta' din l-effettività li qed tkun proposta hawnhekk li tkun garantita 'regola dwar in-natura eċċezzjonali tar-rifjut' mill-Istat ta' esekuzzjoni (ara l-Artikolu 12(3)).

Ittieħdet ukoll deċiżjoni sabiex tiddaħħal definizzjoni dwar 'residenza legali u ordinarja' li tikkorrispondi mad-definizzjoni li tinsab fil-każistika tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja [*ara l-Artikolu 2(ga) (ġdid)*].

Kif diġà ntqal, l-opinjoni tipprovdi kjarifika komprensiva tad-definizzjoni/tqassim tas-setgħat u responsabilitajiet bejn l-Istat emittenti u l-Istat ta' esekuzzjoni. Iċ-ċarezza hija l-bażi taċ-ċertezza legali u tal-legalità li huma meħtieġa għal-liġi kriminali. Għal din ir-raġuni ġie miċħud l-adattament ta' miżuri mill-Istat ta' esekuzzjoni, minħabba n-natura tagħhom (*ara l-Artikolu 7(2)*). L-adattament fir-rigward taż-żmien, u possibbilment il-forma ta' l-esekuzzjoni, biss huwa kompatibbli mat-tipifikazzjoni meħtieġa mill-prinċipju tal-legalità stretta fil-liġi kriminali.

4. Fl-aħħarnett, wieħed għandu jinnota li l-inizjattiva ta' Franza u l-Ġermanja relatata ma' din id-Deċiżjoni ta' Qafas hija sinjal pożittiv ħafna fi ħdan iz-zona Ewropea ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Hija turi li d-dimensjoni Ewropea hija issa mifhuma fid-dawl ta' l-idea ta' l-integrazzjoni politika u legali intensiva ta' l-UE. Hija turi wkoll kif l-umanizzazzjoni tal-liġi kriminali daħlet fis-sistema legali Ewropea: sistema legali bbażata fuq il-valur irriduċibbli ta' l-umanità, li fih kull individwu - anke jekk issentenzjat - huwa meqjus bħala għan fih innifsu, bħala bniedem uniku u mhux ripetibbli.